**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta tat-3 t' Awissu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Francesco Raffreddato**

**Il-Qorti;**

Rat li Francesco Raffreddato, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija 184099A u karta ta' l-identita' Taljana AX7608134 gie mressaq quddiemha akkuzat illi:

Nhar l-20 ta Lulju 2018 ghal-habta ta' bejn tas-sebgha neqsin ghoxrin ta` filghaxija (18:40Hrs) u s-sebgha neqsin ghaxra ta` filghaxija (18:50Hrs) fi triq il-Kbira, Birkirkara:

1. Ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna anzjana ta' Raymond Portelli, hekk kif gie ic-certifikat mit-tabib Dr Carlo Refalo Reg.No 3235 ta` l-isptar Mater Dei u dan bi ksur ta l-artikolu 221 u 222A(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

**2.** B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-kodici Kriminali, kiser

volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta l-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 282 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll sabiex tipprovdi ghas-sigruta ta' Raymond Portelli billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba flimkien ma' hrug ta' ordni ta' protezzjoni tohrog ordni ta' trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta' l-akkuzat Francesco Raffreddato u dan ai termini ta' l-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Lulju 2018 (ezebit a folio 19 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sar waqt l-udjenza tat-22 ta' Lulju 2018 l-imputat ddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Awissu 2018 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u dana wara li fl-istess seduta tat-3 ta' Awissu 2018 bdew jinstemghu x-xhieda mressqa mill-Ufficjal Prosekutur.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 221, 222A(1), 338(dd), 382A, 383, 412C, u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li l-imputat irregistra ammissjoni f' dawn il-proceduri. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, gie sottomess illi l-imputat sejjer jirritorna lura lejn art twelidu flimkien mal-genituri tieghu b' mod immedjat.

Ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

**Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, din il-Qorti ssib lill-imputat Francesco Raffreddato hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghall-perijodu ta' sentejn (2) snin mil-lum.**

**Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francesco Raffreddato l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |